# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Novembru 2001

**Numru**

**Citaz. numru: 721/92 M1 NA**

**Avukat Dottor Robert Staines bhala rapprezentant tas-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd., u dina bhala agenti f'Malta tas-socjeta' assikuratrici estera Guardian Royal Exchange Assurance Plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha s-socjeta' Carmelo Gauci Limited; u b'nota tal-10 ta' Marzu 1999 l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon bhala rapprezentant tas-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited agenti Malta tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha s-socjeta' Carmelo Gauci Limited, assuma l-atti tal-kawza fil-vesti ta' attur fil-kwalita' tieghu premessa minflok Av. Dr. Robert Staines bhala rapprezentant tas-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd.**

**vs**

**Joseph Sullivan u John E. Sullivan bhala diretturi ghn-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Sulilvan Shipping Agencies Limited agenti ta' Jugoslavenska Oceanska Plovidba (Jugooceanija) armaturi tal-vapur ADMIRAL ZMAJEVIC;**

**U**

**Godwin Abela, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' "The Cargo Handling Co. Ltd."**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur nomine fil-25 ta' Mejju 1992 li biha ppremetta:

"Illi s-socjeta' Carmelo Gauci Limited importat mill-Istati Uniti mija u disgha u disghin (199) *bundles* ta' *medium density fibreboard*, li gew trasportati lejn Malta mill-vapur ADMIRAL ZMAJEVIC, kif jirrizulta mill-annessi sitt poloz ta' kariku markati minn Dokument 1 sa Dokument 6;

Illi l-bastiment wasal Malta fil-25 ta' Mejju 1991, u meta l-importatur mar jiehu konsenja tal-merkanzija, sab bosta *bundles* imxarrbin u danneggjati, kif jirrizulta mis-*survey report* li sar mill-agent ta' l-Institute of London Underwriters anness u markat Dokument 7;

Illi ghal din il-hsara, l-assikurazzjoni attrici hallset is-somma ta' erba' mija u hamsa u hamsin lira w erbghin centezimu (Lm455.40c0) li minnhom sebghin lira (Lm70) kienu *survey fees* u ghalhekk giet surrogata fid-dritijiet ta' l-importatur (Dokument 8);

Illi l-konvenuti in rapprezentanza tas-socjetajiet rispettivi huma responsabbli ghall-hsara fuq imsemmija, jew min minnhom;

TALAB li din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddikjara s-socjetajiet li huma rapprezentati mill-konvenuti nomine, jew min minnhom, responsabbli ghall-hsara fuq riferita; u

2. tikkundanna l-konvenuti nomine, jew min minnhom, li jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' erba' mija u hamsa u hamsin lira w erbghin centezimu (Lm455.40c0) bhala danni sofferti, inkluzi s-*survey fees*, mill-importatur u surrogati lill-attur nomine, bl-interessi mill-31 ta' Lulju 1991, u cioe' d-data tal-pagament maghmul mill-istess attur nomine fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Godwin Abela u Alfred E. Aquilina nomine pprezentata fit-23 ta' Gunju 1992 fejn eccepew:

1. “Illi preliminarjament it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija *de quo* giet sbarkata bil-hsarat minn fuq il-vapur M.V. "ADMIRAL ZMAJEVIC" kif jirrizulta mill-Joint Tally Sheet numru M39155/M39156;

2. Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-premess il-konvenuti jissollevaw li ma kienux fi kwalunkwe kaz responsabbli ghal kwalunkwe hsarat u danni allegati u dan ai termini tar-Regolament Numru 86 tar-Regolamenti tal-1966 dwar il-Portijiet;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, l-lista tax-xhieda w id-dokumenti esebiti.

Fit-23 ta' Frar 1993 gie nominat l-Avukat Dottor Kenneth Gulia sabiex jisma' x-xhieda.

Fil-11 ta' Mejju 1994 il-konvenut Joseph Ellul Sullivan talab sabiex jiggustifika l-kontumacja. Wara li rat ir-rikors u r-risposta ta' l-attur, il-Qorti cahdet it-talba fl-20 ta' Mejju 1994.

Il-konvenut Godwin Abela nomine u l-attur ipprezentaw noti ta' l-osservazzjonijiet fl-24 ta' Jannar u 3 ta' Novembru 1997 rispettivament.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Fis-27 ta' Mejju 1991 mal-vapur MV "Admiral Zmajevic" giet importata mis-socjeta' Carmelo Gauci Ltd konsenja ta' 199 bundles Medium Density Fibre board li nhattet minn fuq il-vapur fl-istess gurnata tal-wasla tieghu u li tali konsenja giet ikkonsenjata mis-socjeta' Cargo Handling Co. Ltd. fid-29 ta' 30 ta' Mejju 1991 (Gate Pass Out Dokumenti "NE8" u Dokument "NE14").

Mill-Gate Pass Out jirrizulta illi l-konsenja giet ikkonsenjata lill-importatur f'kundizzjoni tajba bl-eccezzjoni ta' 12-il *bundle* li kienu mxarrbin.

Mill-Joint Tally Sheets (Dokument "ED1" u Dokument "ED2") iffirmati minn *tally clerk* tas-socjeta' Cargo Handling Co. Ltd. u *countersigned* mit-*tally clerk* tal-vapur, jirrizulta li tali konsenja nizlet mill-vapur bir-rimarki "*108 bundles of which 11 bundles damaged*". (Dokument "ED1") u "*84 bundles of which 5 bundles wet*" (Dokument "ED2").

Mill-vapur nizlu bil-hsara 16-il *bundle* u gew ikkonsenjati 12-il *bundle* bil-hsara kif jirrizulta mill-Gate Pass Out u mix-xhieda tal-partijiet.

Illi la tali konsenja nizlet mill-vapur bil-hsara, is-socjeta' konvenuta Cargo Handling Co. Ltd. mhiex responsabbli ghall-hsarat ta' l-attur u dana ai termini tar-Regolament Numru 86 dwar il-Portijiet tal-1966 u in linea wkoll mal-provvedimenti tal-ligi civili taghna dwar min ghandu jkun responsabbli ghall-hsara skond fil-kustodja ta' min kienet il-merkanzija f'tali mument li giet ikkagunata l-hsara.

Fir-rigward tal-*quantum* tad-danni, l-*quantum* reklamat mhux kontestat ghajr is-*survey fees* li huma risarcibbli favur is-socjeta' attrici.

Ghalkemm is-*survey* issir *ex parte* mill-assikurazzjoni, il-bzonn tieghu jsir essenzjali mhux biss biex jipprotegi l-interessi taghha izda jkun mehtieg anke fl-interessi ta' dawk il-persuni li kontra taghhom ddur l-assikurazzjoni u ghalhekk dan l-ammont huwa dovut in linea mal-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna (ara, fost ohrajn, is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili "Noel Ellul nomine vs James Gollcher et nomine" deciza fis-27 ta' Novembru 1996).

Ukoll in linea mal-gurisprudenza aktar ricenti l-interessi jiddekorru mid-data tan-notifika tac-citazzjoni kif deciz fil-kawza appena citata.

Fir-rigward ta' l-ispejjes gudizzjarji s-socjeta' attrici ma ghandhiex tbati l-ispejjes gudizzjarji relattivi stante illi qabel giet intavolata l-kawza l-konvenuti kellhom kull opportunita' jissostanza c-cahda tar-responsabbilita' taghhom fuq l-iskorta ta' dokumenti u dan ma ghamluhx.

Jigi ripetut illi s-socjeta' konvenuta "The Cargo Handling Co. Ltd. mhijiex responsabbli ghad-danni illi jsiru fuq il-vapur u dana in linea mal-ligijiet generali u specifici ta' pajjizna filwaqt illi s-socjeta' konvenuta l-ohra, u dan apparti mill-kontumaci taghha, hija responsabbli ghall-hsarat illi sehhew fuq il-vapur u ghandhom jigu kkundannati jhallsu l-ammont ta' Lm455.40 bhala danni sofferti, inkluz *survey fees* u interessi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet din is-sentenza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta "Sullivan Shipping Agencies Limited" u tiddikjara din is-socjeta' responsabbli ghall-hsara li hemm riferenza ghaliha fl-att tac-citazzjoni u tikkundanna lil din is-socjeta' thallas lill-attur nomine s-somma ta' erba' mija u hamsa u hamsin lira Maltin u erbghin centezimu (LM455.40c0) bhala danni sofferti, inkluzi s-*survey fees*, mill-importatur u ssurrogati lill-attur nomine u dana bl-imghax mill-4 ta' Gunju 1992 (u ghalhekk mhux mid-data mitluba) id-data tan-notifika tac-citazzjoni u bl-ispejjez kollha ta' din il-kawza kif mitluba.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur rf.